143

TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

MALTA

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

Avviz Numru CCT 260/12/GB

**Bradley, Raymond u Joyce Gatt**

**vs**

**B & M Supplies Ltd.**

Illum 10 ta' Lulju 2013

**It-Tribunal**

Wara li ha konjizzjoni tal-Avviz fl-ismijiet fuq premessi pprezentati fl-10 ta' Ottubru, 2012 fejn ir-rikorrenti talbu rifuzjoni ta' tliet elef erbgha mija u sebghin Ewro (€3,470.00), rapprezentanti l-prezz li hallsu ghal sett ta' sufanijiet li nxtraw minghand is-socjeta' ntimata, liema sufanijiet kienu difettuzi.

Is-socjeta' ntimata pprezentat risposta bil-miktub ghal din it-talba, u attendiet ghas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda guramentata tar-rikorrenti li huma l-istess rikorrenti, u wara li sema' x-xhieda guramentata tas-socjeta' ntimata, u wara li ha konjizzjoni tal-fatti kif ukoll tac-cirkostanzi kollha tal-kaz;

**Ikkonsidra s-segwenti:**

**Ir-rikorrenti ssottomettew bil-miktub illi:-**

F'Jannar tas-sena 2012, huma kienu ordnaw 3-seater 'Kensington Sofa', 2-seater 'Kensington Sofa' u zewg 'Ketty Chairs' minghand is-socjeta' ntimata. Il-konsenja saret fit-2 ta' Mejju 2012 gewwa r-residenza tar-rikorrenti. Wara ftit xhur, irrizulta li s-sufanijiet u s-siggijiet kienu difettuzi, bil-'cushions' ma jzommux il-forma taghhom. Dawn id-difetti qed jikkawzaw ukoll ugiegh f'dahar min ipoggi fuqhom. Wiehed mis-siggijiet 'Ketty' issa ghandu tikmixa kbira fil-gilda.

47A, SOUTH STREET, VALLETTA VLT 1101 - MALTA
TELEPHONE: ...

Fl-4 ta' Settembru 2012, rapprezentant tas-socjeta' ntimata akkumpanjat minn 'upholsterer', zaru r-residenza tar-rikorrenti sabiex jispezzjonaw is-sufanijiet. Huma kkonfermaw illi dawn huma difettuzi u offrew li jsir 'upholstering' tas-sett kollu sabiex jinbidel il-'foam'. Ir-rikorrenti rrifjutaw l-offerta' tas-socjeta' ntimata ghaliex ihossu illi hija inaccettabbli illi sufanijiet u siggijiet li huma godda jigu 'upholstered' wara li ilhom jintuzaw biss ghal ftit xhur.

Ghaldaqstant, ir-rikorrenti qieghdin jitolbu illi s-socjeta' ntimata tiehu lura s-sufanijiet u s-siggijiet kollha mir-residenza taghhom, u illi jew troddilhom lura prezzhom, u cioe' tliet elef erbgha mija u sebghin Ewro (€3,470.00), jew inkella tordnalhom sett sufanijiet u sett siggijiet godda bl-ispejjez tas-socjeta' ntimata.

Ir-rikorrenti ezebew hames (5) ritratti tas-sufanijiet in kwistjoni.

**Is-socjeta' ntimata ssottomettiet bil-miktub illi:-**

Hija kienet ghamlet spezzjoni tas-sufanijiet in kwistjoni, fejn informat lir-rikorrenti illi ma setghatx tattribbwixxi l-ilment taghhom ta' diformita' fil-'cushions' bhala difett, peress illi hija ma setghatx tikkonkludi jekk dan kien rizultat ta' uzu hazin jew ta' xoghol mhux maghmul sew.

Nonostante dan il-fatt, is-socjeta' ntimata minghajr pregudizzju, u bhala att ta' buona volonta', offriet li ssewwi s-sufanijiet, billi tbiddel il-'foam' ta' gewwa taghhom ilkoll. Peress illi r-rikorrenti kellhom il-biza' li x-xoghol ma jsirx tajjeb, is-socjeta' ntimata anke offriet illi taghmel ix-xogholijiet ta' tiswija fuq 'cushion' wiehed biss, sabiex taccerta ruhha li r-rikorrenti huma sodisfatti, u mbaghad jipprocedu bix-xoghol kollu.

Rigwardanti t-tikmix tal-gilda, is-socjeta' ntimata kienet spjegat lir-rikorrenti illi dan huwa karatteristiku tal-gilda u ma ghandux jitqies bhala difett.

**It-Tribunal jinnota illi:-**

Wara li sema' l-partijiet, it-Tribunal jikkonsidra illi fix-xhieda guramentata tar-rikorrenti, huma regghu kkonfermaw il-verzjoni taghhom bil-miktub.

Ir-rikorrenti ezebew kopja tar-ricevuta, li giet immarkata bhala Dok.BG1; kopja tal-korrispondenza, li giet immarkata bhala Dok.BG2; flimkien ma' sett ta' disgha (9) ritratti.

It-Tribunal jikkonsidra wkoll illi s-socjeta' ntimata fix-xhieda guramentata taghha, regghat ikkonfermat il-verzjoni taghha bil-miktub.

Is-socjeta' ntimata ezebiet kopja tal-garanzija, li giet immarkata bhala Dok.BM1.

It-Tribunal josserva wkoll illi s-socjeta' ntimata baqghet toffri li s-sufanijiet in kwistjoni kollha isirilhom xoghol ta' tapezzerija a spejjez taghha, b'dan illi x-xoghol ta' tapezzerija l-ewwel isir fuq sufan wiehed biss, u wara li x-xoghol ikun sar ghas-sodisfazzjon tar-rikorrenti, is-socjeta' ntimata tkompli x-xoghol ta' tapezzerija fuq is-sufanijiet l-ohra, pero' r-rikorrenti baqghu ma accettawx.

**Ghal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, wara li kkonsidra dak kollu hawn fuq premess, jikkonkludi illi ma kien hemm l-ebda nuqqas da parte tas-socjeta' ntimata. It-Tribunal jinnota illi madanakollu, is-socjeta' ntimata kienet offriet illi taghmel xoghol ta' tapezzerija fuq is-sufanijiet in kwistjoni, u ghalhekk qed jilqa' t-talba tar-rikorrenti limitatament ghal tali offerta, u jordna lis-socjeta' ntimata taghmel dan ix-xoghol ta' tapezzerija fuq is-sufanijiet in kwistjoni, hekk skond l-offerta originali u konsistenti taghha, b'dan illi kull parti ghandha tbaghti l-ispejjez taghha tal-kawza.

**Avv. Gabrielle Buttigieg**
**Arbitru**